**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

Rikors Nru. 191/15 RGM

Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat u r-risposta guramentata.

Rat li permezz tar-rikors kongunt datat 26 ta' April 2017 l-partijiet (1) talbu lill-Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u (2) iddikjaraw illi bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti l-ebda parti ma hi ser tbati xi pregudizzju mhux proporzjonat kontemplat fil-ligi.

Ikkunsidrat;

L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Ikkunsidrat;

Peress illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dan l-istadju tal-kawza ma hu ser jirreka l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess partijiet, il-Qorti qed tikkonsidra t-talba gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi t-talba fuq imsemmija maghmula mill-partijiet billi:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li fih din is-sentenza ssir *res judicata*.

2. Tordna li din l-ordni ta' waqfien tkun notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.

**Imhallef**